**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 6 ta' Marzu 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**Shaun Camilleri**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler tal-11 t'April 2023 li bih ghamel denunzja quddiem din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 28(G) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn espona:

    1. Illi bis-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta, fl-ismijiet odjerni deciza fit-2 ta' Marzu 2022, kien appuntat Ufficjal Sorveljanti ta' Shaun Camilleri bin-numru tal-identita 318597(M), residenti gewwa 14A, Sqaq Marina Nru. 2 Kalkara u b'numru tat-telefon 77240409;

    2. Illi minkejja diversi avvizi, Shaun Camilleri naqas milli jzomm il-kuntatt mehtieg mal-Ufficjal Sorveljanti u ghaldaqstant ma kienx possibli illi ssir supervizjoni adekwata fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, ir-rikorrent hassu fid-dmir illi jattira l-attenzjoni ta’ din il-Qorti ghal dan il-fatt , biex il-Qorti tiehu dawk il-mizuri li jidrilha xierqa u opportuni.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-atti tal-proceduri tal-kumpilazzjoni numru 140/2021 fil-konfront tad-denunzjat.

3. Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

4. B’sentenza tat-2 ta’ Marzu 2022, din il-Qorti kienet sabet lid-denunzjat hati ta’ zewg imputazzjonijiet ta’ vjolenza domestika fil-konfront ta’ Maraya Scicluna, omm uliedu, u ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sena, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula fl-istess sentenza giet sospiza ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin mid-data tal-istess sentenza, kif ukoll qieghedet lid-denunzjat taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien erba’ (4) snin, bil-kundizzjonijiet imposti fl-istess Ordni.

5. Mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler fis-seduta tad-19 ta’ Gunju 2023 jirrizulta illi huwa inghata r-responsabbilita li jsegwi lid-denunzjat fi Frar 2023 u inghata hand over minghad l-Ufficjal tal-Probation sorveljanti originali, li kien Leon Farrugia. Meta l-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler ha l-kaz, id-denunzjat kien jinsab diga bi twissija finali, stante li kien qed jonqos milli jzomm kuntatt regolari mal-ufficjal sorveljanti. Huwa kien attenda ghal disgha (9) minn total ta’ sitta u ghoxrin (26) appuntament. Matul dawn id-disgha (9) appuntamenti li attenda, id-denunzjat kien mitlub ihalli kampjun tal-urina. F’okkazjoni wahda huwa irrifjuta li jaghmel dan, u f’hamsa (5) min tminn (8) testijiet li saru dawn irrizultaw fil-pozittiv ghall-kokaina. Huwa naqas li jattendi ghall-ahhar tlett (3) appuntamenti b’mod konsekuttiv, u l-ahhar appuntament li kien attenda kien fl-ahhar ta’ Jannar 2023. B’kollox inghatawlu hames (5) twissijiet finali, qabel saret id-denunzja odjerna fil-hdax (11) t’April 2023, stante li ma setghetx issir supervizjoni adegwata fil-konfront tieghu.

6. Fis-seduta tal-17 ta' Jannar 2024, l-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler xehed illi mis-seduta tad-19 ta' Gunju 2024, id-denunzjat attenda ghal erba' (4) minn tminn (8) appuntamenti, u l-ahhar appuntament li attenda kien fit-22 ta' Settembru 2023. F'okkazzjoni minnhom hu irrifjuta li jhalli kampjun tal-urina, fil-waqt li fit-tlett (3) okkazzjonijiet l-ohra irrizulta pozittiv ghal kannabis. Ghaldaqstant ma kienx possibli ghall-Ufficjal tal-Probation li jaghmel supervizjoni adegwata fuq id-denunzjat minn wara dak iz-zmien, biex ikun f'pozizzjoni jaghti rendikont lill-Qorti.

7. Id-difiza bl-ebda mod ma ikkontestat din ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler.

8. Ghalkemm Leon Farrugia, l-Ufficjal tal-Probation originali gie msejjah biex jixhed, hu ma ftakar xejn dwar il-kaz tad-denunzjat, anke minhabba li hu kien ilu sena li spicca jahdem mad-Dipartiment tal-Probation u Parole.

9. F'dawn il-proceduri xehdet ukoll Maraya Scicluna li hija s-siehba tad-denunzjat li qalet li hi u d-denunzjat jghixu flimkien u ma kellhomx iktar problemi fir-relazzjoni taghhom. Anzi huma kellhom tarbija ohra f'Ottubru 2023, u ghalhekk issa ghandhom tlett itfal. Hi xehdet li l-problema kienet l-ordni ta' supervizjoni ghaliex id-denunzjat ma jhossux komdu jiftah qalbu mal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, pero mal-Ufficjal tal-Probation Leon Farrugia qatt ma kellu problemi. Qalet ukoll li d-denunzjat jinsa hafna u kien ghalhekk li kien jonqos li jmur ghall-appuntamenti li jinghatawlu.[1]

10. Il-Qorti tirrileva li kif jirrizulta mis-sentenza taghha hija kienet poggiet lid-denunzjat taht Ordni ta' Supervizjoni fuq rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation Leon Farrugia fil-*pre-sentencing report* tieghu, bil-ghan li d-denunzjat jirrabilita ruhu u ma jerghax jirrepeti l-agir tieghu li jista' jwasslu ghal iktar inkwiet. F'dan il-*pre-sentencing report* intqal hekk:

*"- Jinhass il-bzonn li jkun assessjat sew l-aspett tad-droga fil-hajja tal-imputat, sabiex sussegwentement ikun jista' jindirizza dan l-istess aspett;*

*- Jkun ta' beneficcju ghall-ikkoncernat li jinghata ghajnuna dwar ir-rabja li huwa jidher li ghandu b'mod specjali dwar it-tfulija tieghu. L-ghajnuna f'dan ir-rigward*

[1] Ara fol. 176.

*ghandha tghinu sabiex jahdem fuq l-aspett tar-rabja u jkun jista' jikkontrolla l-emozzjonijiet tieghu b'mod specjali meta jkun f'ambjent domestiku.*

- *Sessjonijiet ta' terapija ghall-familja jistghu jkunu ta' ghajnuna ghall-familja tal-imputat sabiex ikunu jistghu jahdmu fuq ir-relazzjoni li kemm huwa kif ukoll is-siehba tieghu jidhru li jridu jkunu fiha;*
- *Jinhass il-bzonn ukoll li l-imputat isib impjieg stabbli u jkun jista' jhaddem il-hiliet li huwa ghandu b'mod specjali fit-tisjir."*

11. Fis-sentenza taghha, il-Qorti kienet osservat hekk:

*"Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta wkoll li l-vittma timminimizza hafna dan l-incident, kif ukoll it-tendenza tal-imputat li ma jikkontrollax l-emozzjonijiet tieghu. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-vittma hija maqbuda f'kunflitt emottiv. Ghalkemm, din il-Qorti tifhem li l-vittma tixtieq li r-relazzjoni taghha mal-imputat tkompli sejra ghall-ahjar, anke fl-interess ta' uliedhom minuri – u din il-Qorti tawspika li r-relazzjoni taghhom tkompli tissahhah - pero fl-istess hin, din il-Qorti tkun qed tonqos jekk ma zzommx quddiem ghajnejha li minghajr l-ghajnuna necessarja, u minghajr deterrent effettiv, hemm probabilita qawwija li l-imputat jerga' jirrepeti l-agir tieghu."*

12. Din il-Qorti ghadha tal-istess opinjoni. Huwa ovvju li d-denunzjat qieghed, ghal ragunijiet li jafhom biss hu, jirrifjuta li jindirizza l-problemi tieghu, principalment ta' *anger management* u abbuz ta' sustanzi illeciti. Ghalkemm is-siehba tieghu Maraya Scicluna qalet li d-denunzjat kien qed isibha difficli jiftah qalbu mal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soleri, izda ma kellux problemi mal-Ufficjal tal-Probation Leon Farrugia, huwa ovvju li din ix-xhieda m'ghandhix mis-sewwa. Fil-fatt mix-xhieda mhux ikkontestata tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler jirrizulta li meta hu ha l-kaz fi Frar 2023, id-denunzjat kien diga inghata twissija finali, ghax attenda biss 9 appuntamenti minn 26 appuntament, u f'hamsa (5) minnhom irrizulta pozittiv ghal kokaina u f'okkazzjoni ohra irrifjuta li jhalli kampjun tal-urina. L-ahhar appuntament li attenda d-denunzjat qabel saret id-denunzja kien fl-ahhar ta' Jannar 2023, li jfisser li d-denunzjat qatt ma attenda appuntament mal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, li ha l-kaz fi Frar 2023, qabel saret id-denunzja odjerna, u ghalhekk in-nuqqas tieghu li jattendi ghal dawn l-appuntamenti certament ma kienx dovut ghal fatt li qed isibha difficli li jikkomunika mas-Sur Fleri Soler.

13. Ir-raguni l-ohra li tat Maraya Scicluna ghalfejn id-denunzjat jonqos li jattendi ghas-seduti, u cioe li jinsa hafna, ovvjament m'ghandhix mis-sewwa wkoll, ghax jirrizulta li d-denunzjat mhux naqas li jattendi appuntament wiehed jew tnejn, imma ben sbatax (17)-il appuntament. Dan apparti naturalment li qabel saret id-denunzja, id-denunzjat irrizulta regolarment pozittiv ghas-sustanza kokajina.

14. Dan jikkonferma dak li ntqal fil-*pre-sentencing report* li Maraya Scicluna timminizza hafna l-agir tad-denunzjat u tipprova tghatti n-nuqqasijiet tieghu kemm tista'.

15. L-agir tad-denunzjat matul dawn il-proceduri certament ma taw l-ebda tama lil Qorti li d-denunzjat gharaf l-izball tieghu u lest jaccetta l-ghajnuna li qed tigi offerta lilu. Fil-fatt mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2024, jirrizulta li minn Gunju 2023 d-denunzjat attenda biss erba' (4) appuntamenti mit-tminn (8) appuntamenti li inghatawlu, li ovvjament ma ippermettewx lill-Ufficjal tal-Probation jaghmel sorveljanza adegwata.

16. *Dato ma non concesso*, li d-denunzjat kellu xi problema bl-Ufficjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, id-dover tieghu kien li jissenjala dan il-fatt lill-Qorti, sabiex jekk ikun il-kaz tiehu il-mizuri necessarji, u mhux arbitrarjament jinjora s-sentenza ta' din il-Qorti u l-Ordni ta' Supervizjoni.

17. Din il-Qorti ma tarax li hemm lok li tati opportunita ohra biex d-denunzjat ikompli l-ordni ta' supervizjoni stante li huwa ovvju li m'ghandux intenzjoni jaghmel dan. Ghalkemm Maraya Scicluna qalet li r-relazzjoni ta' bejniethom hija issa stabbli, il-Qorti ma thossiex komda tistrieh b'ghajnejha maghluqa fuq din ix-xhieda, ghaliex kif diga intqal din ix-xhud tipprova timminizza l-agir tad-denunzjat. Il-fatt li d-denunzjat ghandu problemi ta' *anger management* kif ukoll jabbuza minn sustanzi illeciti li qed jirrifjuta li jindirizza, abbinat mal-fatt li hu diga instab hati ta' vjolenza domestika fil-konfront ta' Maraya Scicluna, ifisser li fir-realta d-denunzjat huwa a *ticking time-bomb* li jista' f'kull mument jitlef il-kontroll tal-emozzjonijiet tieghu u jikkommetti reati ohra ta' vjolenza domestika.

18. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti hija tal-opinjoni li s-sentenza sospiza ghandha tigi reza operattiva.

**Konkluzjoni**

19. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikolu 28G(9) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lid-denunzjat hati li naqas li jottempera ruhu mal-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Supervizjoni imposti fuqu minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu 2022, u qieghda tirrevoka l-istess Ordni *contrario imperio* b'effett immedjat.

2. Tordna ulterjorment, li l-piena karcerarja ta' sena sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin moghtija permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet premessi tat-2 ta' Marzu 2022 tigi reza operattiva.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**